MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tat-30 ta' April, 2010

Talba Numru. 1037/2009

**Carmel Mario Friggieri K.I. 57752M**

**Vs**

**Mohammed Ananbeh K.I. 037569A**
**u Ali Ananbeh K.I. 025877A**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Dicembru 2009, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallas lill-attur is-somma ta' elfejn u mitejn u tlieta u disghin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€2,293.73), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Sema` lill-attur Carmel Mario Friggieri li waqt is-seduta tat-13 ta’ April 2010, ikkonferma bil-gurament tieghu illi l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut lilu.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra illi l-konvenuti kienu debitsament notifikati izda ma dehrux u lanqas ma kkontestaw t-talbiet attrici.

**Ghaldaqstant** peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur is-somma ta’ elfejn u mitejn u tlieta u disghin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€2,293.73) bl-imghax legali kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------